# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ EUAVSEC-SOUTH SUDAN/1/2012

**tal-10 ta’ Awwissu 2012**

**dwar il-ħatra ta’ Kap ta’ Missjoni tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni fis-Sudan t’Isfel (EUAVSEC-South Sudan)**

(2012/487/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/312/PESK tat-18 ta’ Ġunju 2012 dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni fis-Sudan t’Isfel ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Bl-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/312/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà, f’konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-EUAVSEC-South Sudan, inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sur Lasse ROSENKRANDS CHRISTENSEN bħala l-Kap ta’ Missjoni tal-EUAVSEC-South Sudan sat-18 ta’ Jannar 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Lasse ROSENKRANDS CHRISTENSEN huwa b’dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni fis-Sudan t’Isfel (EUAVSEC-South Sudan) sat-18 ta’ Jannar 2014.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta’ Awwissu 2012.

*Għall-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà*
*Il-President*
O. SKOOG

([1]) ĠU L 158, 19.6.2012, p. 17.